MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 2231/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Carmelo Zerafa abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-
Ligi u l-istess Carmelo Zerafa [188948(M)]**

**Vs**

**Rachel Aquilina**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' tlett mija u disgha u hamsin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm359.39c) rapprezentanti danni subiti minnhom b'rizultat ta' kollizjoni

li sehhet fit-22 ta' Dicembru, 2003 fis-1.15p.m fi Triq Regjonali, l-Gzira bejn il-vettura proprjeta' ta' l-attur Carmelo Zerafa bin-numru ta' registrazzjoni PES 113 u l-vettura misjuqa mill-konvenuta bin-numru ta' registrazzjoni JOH 579.

Ra r-Risposta tal-konvenuta li biha wiegbet illi t-talbiet ta' l-atturi kif diretti kontra taghha huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u li l-incident in kwistjoni ma sarx tort taghha izda sar tort ta' Grazio Zerafa s-sewwieq tal-vettura PES 113.

Sema' x-xhieda ta' PS 513 Anthony Gerada, Grazio Zerafa u Rachel Aquilina.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Ramona Frendo ghall-atturi u ta' Dr Simon Schembri ghall-konvenuta.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi Grazio Zerafa kien qieghed isuq il-karozza bin-numru ta' registrazzjoni PES 113 fi Triq Regjonali gej min-naha ta' San Giljan bl-intenzjoni li jibqa' sejjer lejn l-Imsida.

Hekk kif wasal fejn ir-roundabout maghruf bhala r-roundabout tat-tank tal-gass, huwa jghid li kien qed idur mar-roundabout u kien fit-tielet lane u kien wieqaf, cjoe' huwa kien gja' qabad u kien qed idur mar-roundabout meta kien wieqaf. Huwa kien qed jistenna l-lights jaqilbu halli jkun jista' jkompli lejn triqtu izda jghid l-istess Zerafa illi hin minnhom intlaqat minn karozza li ma kienx induna biha qabel, li laqtitu fil-parti ta' quddiem u li rrizultalu li kienet giet min-naha tax-xellug tieghu u cjoe' minn Triq Ta' Sliema.

Il-karozzi baqghu hemm sakemm gie l-pulizija u nvestiga l-kaz u hejja l-iskizz relattiv.

Rachel Aquilina xehdet illi dakinhar ta' l-incident hija kienet gejja minn Triq Ta' Sliema cjoe' min-naha tal-Gzira

fejn hemm Alfie’s. Hija waqfet fit-traffic lights u meta t-traffic lights qalbu hija baqghet issuq bl-intenzjoni li tibqa’ sejra fid-direzzjoni opposta lejn San Gwann. Hija kienet fl-aktar lane ‘l barra mir-roundabout jigifieri l-aktar lane ‘l hemm mir-roundabout u hin minnhom tghid li giet il-karozza min-naha tal-lemin taghha u laqtitha fil-genb u b’hekk sehhet il-kollizjoni. Hija tghid ukoll illi fil-hin ta’ l-incident hija kellha l-indicator mixghul biex b’hekk indikat li kienet bihsiebha tibqa’ ddur mar-roundabout biex taqbad it-triq lejn San Gwann.

Mir-rapport tal-pulizija hemm il-verzjonijiet taz-zewg sewwieqa. L-attur huwa mnizzel li qal:

“He proceeded along Regional Road from the direction of St Julian’s. He reached and was turning around the roundabout with the intention of driving towards San Gwann with the indicator on. He stated that he was stationary when suddenly car JOH 579 hit against his left front part. He added that the brake marks which were under his vehicle were not his own.”
Il-konvenuta tghid illi:

“She proceeded up Sliema Road from Gzira with the intention of driving towards San Gwann with indicators on. She was turning around the Sliema Road roundabout on the centre lane when car PES 113 dashed into her right side. She stated that she did not see the said vehicle prior to the collision.”

Is-surgent Gerada hejja sketch u vicin il-karozza misjuqa minn Grazio Zerafa, cjoe’ l-attur, indika bil-linji ttikjati brake marks li huwa kkonferma li kienu friski u li kienu jikkombacjaw perfettament mal-vettura ta’ l-istess Zerafa u l-istess surgent ma wera l-ebda ezitazzjoni biex ikkonkluda li fl-opinjoni tieghu dawn il-brake marks kienu ta’ l-istess vettura ta’ Grazio Zerafa.

Zerafa b’danakollu jsostni li dawk il-brake marks ma kienux tieghu w anki afferma dan il-punt meta s-surgent Gerada kellmu dakinhar ta’ l-incident.

It-Tribunal ikkunsidra illi mill-premess m'ghandux dubju illi fl-ewwel lok il-brake marks impingija fuq l-isketch u li dwarhom xehed is-surgent Gerada huma proprju tal-vettura ta' l-attur Zerafa.

Zerafa jsostni illi fil-hin ta' l-incident kien wieqaf zoptu qed jistenna l-lights jaqilbu izda jigi rilevat illi fil-post fejn spiccat il-vettura ta' Zerafa ma kienx post fejn kellu jkun wieqaf l-istess Zerafa. It-traffic lights huma aktar lura minfejn kien qieghed u lanqas huwa verosimili illi f'sitwazzjoni fejn, kif jghid hu, kien l-ewwel wiehed f'ringiela ta' karozzi biex hareg mil-lights qabel ma rega' waqaf fejn jghid li waqaf, li jieqaf meta ma jkunx hemm traffiku.

Aktar huwa verosimili li fil-fatt huwa kien hareg mil-lights aktar 'il hemm minfejn sehh l-incident possibilment qabel ma' l-lights kienu qalbu biex b'hekk baqa' diehel fil-karozza misjuqa mill-konvenuta.

Meta l-konvenuta harget minn Sliema Road, hija baqghet fil-lane taghha u ppuntat biex tkompli sejra lejn San Gwann bl-indicators mixghulin. L-indikazzjonijiet taghha kienu carissimi ghal min irid josservahom.

Jirrizulta illi hija ntlaqtet fin-naha tal-genb filwaqt li l-vettura ta' l-attur fil-parti ta' quddiem biex b'hekk jidher car illi kontrarjament ghal dak li jallega l-attur, kien hu stess li baqa' diehel fil-vettura tal-konvenuta u mhux vice versa.

Jigi rilevat ukoll illi f'dan il-kaz ma jistghux jigu applikati r-regoli generali tar-roundabouts fejn min ikun qieghed f'roundabout ikollu d-dritta ghal fuq it-traffiku li jkun diehel ghal fuq ir-roundabout u dan billi dak iz-zmien ta' l-incident ir-roundabout kien regolat b'sistema ta' traffic lights u ghalhekk ma kienx ikun mistenni li jkun hemm traffiku gej min-naha tal-lemin tas-sewwieqa.

Huwa mistenni li meta d-dwal jixghelu hodor, it-triq tkun libera u t-traffiku jkun jista' jsuq minghajr xkiel tat-traffiku gej min-naha tal-lemin.

Tenut il-premess, it-Tribunal pero' ma setax ma jinnotax illi z-zewg sewwieqa affermaw illi l-ebda wiehed ma nnota lill-iehor qabel ma sehh l-incident. Il-fatt li sehh l-incident ifisser illi ftit qabel ma' z-zewg vetturi habtu dawn kienu ftit aktar lura mill-pozizzjoni fejn fil-fatt habtu ma' xulxin u kienu f'pozizzjoni li setghu jinnotaw lil xulxin. Iz-zewg sewwieqa jghidu li ma rawx lil xulxin bhallikieku l-vettura ta' l-iehor jew ta' l-ohra waqghet mis-sema, izda dan ma jistax ikun u ghalhekk il-konsegwenza ta' dan ifisser illi fil-mument tal-kollizjoni l-ebda wiehed miz-zewg sewwieqa ma kien qed izomm *a proper lookout* u ta' dan it-tnejn li huma ghandhom ibatu l-konsegwenzi relattivi ghalkemm fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal ir-responsabbilta' principali tal-kollizjoni ghandha tinkombi ghal fuq Zerafa.

Ghar-rigward tad-danni dawn jirrizultaw debitament pruvati mid-dokumenti esebiti.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara l-kollizjoni in kwistjoni responsabbilta' taz-zewg sewwieqa, cjoe' ta' Grazio Zerafa u ta' Rachel Aquilina fi grad ta' zewg terzi (2/3) kontra Zerafa u terz (1/3) kontra Aquilina u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma ta' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) (terz ta' l-ammont mitlub arrotondit) bl-interessi. L-ispejjez ikunu kwantu ghal zewg terzi (2/3) ghall-atturi u terz (1/3) ghall-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------